MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 996/2003

**Elizabeth-Ann Vella**

**vs**

**Abdurrezagh Shushan**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 30 ta' Settembru 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-
Illi l-kontendenti kellhom wild wahda miz-zwieg taghhom, li ghadha minuri, li jisimha Samira u li twieldet fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlieta (2003);

Illi l-imgieba prezenti tal-konvenut, li hu ta' Nazzjonalita` Libjana, hija tali illi l-attrici ghandha ragunijiet fondati biex tibza` illi l-konvenut jista` jiehu lill-imsemmija minuri barra minn Malta;

Illi din il-firda tilledi d-drittijiet ta’ l-attrici u tkun kontra l-ahjar interess ta’ l-istess minuri;

Illi l-attrici talbet il-hrug ta’ u ottjeniet Mandat ta’ Inibizzjoni, li jgib in-Nurmu 1590/03 kontra l-konvenut, fejn il-konvenut gie inibit milli jiehu lill-minuri, Samira, barra minn Malta, jew jippermetti lil xi hadd jiehu l-imsemmija minuri barra minn Malta, u dan skond ma jirrizulta mill-anness Dok. “A”.

Illi ghalhekk, l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tordna u tiddikjara illi t-tifla minuri, Samira, fuq imsemmija ma ghadhiex tittiehed barra minn Malta; u konsegwentement,

2. Tinibixxi definittivament lill-istess konvenut milli jiehu lill-minuri, Samira, barra minn Malta jew li jippermetti li xi hadd jiehu l-imsemmija minuri barra minn Malta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Inibizzjoni numru 1590/03 kontra l-konvenut li minn issa hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-verbali tas-seduti tad-29 ta’ Jannar 2004 fejn l-attrici pprezentat l-affidavit taghha stess u ta’ missierha, *seduta stante;* u tal-11 ta’ Marzu 2004 fejn Dr. Lydia Zerafa talbet li ssir in-notifika tal-konvenut *ai termini* ta’ l-**artikolu 187 (3)** f’gazzetta lokali wahda u l-Qorti laqghet it-talba;

Rat l-affidavits ipprezentati mill-attrici (a fol. 26);

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Gunju 2004 fejn Dr. Lydia Zerafa, ghall-attrici, pprezentat estratt minn gazzetta lokali u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum, 30 ta’ Gunju 2004;

Rat li l-konvenut minkejja li notifikat abbazi ta’ **l-artikolu 187 (3) tal-Kap 12** ma pprezenta l-ebda nota ta’ eccezzjonijiet u lanqas deher ghall-kawza u ghalhek baqa’ kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-kawza odjerna titratta dwar talba da parti ta’ l-attrici omm il-minuri, Samira, sabiex l-istess minuri ma tittehidx barra minn Malta.

Illi din il-Qorti qed tiddeciedi l-istess kawza, kif ghandha tiddeciedi fl-interess ta’ l-istess minuri.

Illi l-unika provi prodotti fil-process jirrizulta li huma dawk prodotti mill-attrici li tikkonferma u taghti spjegazzjoni ghaliex qed taghmel dawn it-talbiet u hawn hija tghid li l-konvenut kemm il-darba heddidha li kien ser jehdoliha lit-tifla, anke jekk jaraha ma’ guvni iehor. Dan huwa kkkoroborat mix-xhieda ta’ Anthony Vella, missier l-attrici u Stephanie Camilleri, u peress li l-istess xhieda bl-ebda mod ma giet kontradetta, anke ghaliex l-istess konvenut baqa’ kontumaci, din il-Qorti thoss li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fis-sens li ser jigi hawn deciz.

Illi din il-Qorti thoss ukoll, li fic-cirkostanzi tal-kaz, huwa fl-interess ta’ l-istess minuri li fis-sitwazzjoni prezenti m’ghandux jittiehed ‘il barra mill-gurisdizzjoni taghha hlief b’ordni tal-Qorti.
Illi ghalhekk *in vista* tal-premess, it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif ser jinghad aktar ‘il quddiem.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta` u tiddeciedi**, billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa` t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz, b’dan illi:-

(1) Tordna u tiddikjara illi t-tifla minuri, Samira, fuq imsemmija ma ghadhiex tittiehed barra minn Malta mill-konvenut jew minn kull persuna ohra u dan sakemm il-minuri, Samira, ssir maggorenni, salv jekk xi parti tigi awtorizzata li tiehu l-minuri barra minn Malta b’digriet jew decizjoni *ad hoc* tal-Qorti kompetenti Maltija, u biss ghar-ragunijiet u ghat-termini li jigu specifikati fl-istess decizjoni, u l-Qorti tordna li ghal dan l-iskop kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata kemm lill-Ufficjal tal-Passaporti sabiex jassigura l-istess u sabiex l-isem ta’ l-istess minuri ma jiddahhalx fil-passaport ta’ l-ebda wiehed mill-kontendenti u kemm lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jara li l-istess minuri ma jithalliex jittiehed barra minn Malta, hlief fuq decizjoni tal-Qorti kompetenti, notifikata lilu skond il-ligi u dan kollu fl-interess ta’ l-istess minuri.

(2) Tinibixxi konsegwentement lill-istess konvenut milli jiehu lill-minuri, Samira, barra minn Malta jew li jippermetti li xi hadd jiehu l-imsemmija minuri barra minn Malta u dan sakemm l-istess minuri ssir maggorenni, salv jekk xi parti f’din il-kawza tigi awtorizzata li tiehu l-minuri barra minn Malta b’digriet jew decizjoni *ad hoc* tal-Qorti kompetenti Maltija, u biss ghar-ragunijiet u ghat-termini li jigu specifikati fl-istess decizjoni.

Il-Qorti tordna li ghal dan l-iskop kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata kemm lill-Ufficjal tal-Passaporti sabiex jassigura l-istess u sabiex l-isem ta’ l-istess minuri ma jiddahhalx fil-passaport ta’ l-ebda wiehed mill-kontendenti u kemm lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jara li l-istess minuri ma jithalliex jittiehed barra minn Malta, hlief fuq decizjoni tal-Qorti kompetenti, notifikata lilu skond il-ligi.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------